V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10152 — Temasek/Gategroup)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 49/07)

1. Fil-5 ta' Frar 2021 il-Kummissjoni rċeviet avviz ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Temasek Holdings (Private) Limited ("Temasek", Singapore);

— Gategroup Holding AG ("Gategroup", l-Isvizzera), bħalissa kkontrollata bi sħab minn Temasek u RRJ Capital Master Fund III, L.P. ("RRJ", Ħong Kong)

Temasek takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Gategroup kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew kwalunkwe mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Temasek: kumpanija ta' investiment bil-kwartieri ġenerali f'Singapore, attiva prinċipalment f'Singapore u fil-bqija tal-Asja. L-investimenti tagħha jkopru spettru wiesa' ta' industriji, inklużi s-servizzi finanzjarji, it-telekomunikazzjonijiet, il-mezzi tax-xandir, it-trasport, il-proprjetà immobbli, l-enerġija u x-xjenzi tal-ħajja.

— Gategroup: attiva fil-forniment ta' servizzi ta' catering u bejgħ bl-imnut abbord waqt it-titjira u servizzi relatati. Gategroup hija attiva f'aktar minn 60 pajjiż madwar il-kontinenti kollha, inkluż fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10152 — Temasek/Gategroup

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË